TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI Nru. 154

KAZ NRU 206

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

is-Sur Michael Tabone

u

Messrs Rex Shoe Store

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 28 ta' Dicembru 1983

Chairman: A Debono C.P.A.A.

B'ittra tat-28 ta' Lulju, 1982, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sur Michael Tabone minn mad-Ditta Messrs Rex Shoe Store, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm 4 seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Albert Tabone waqt li d-ditta Messrs Rex Shoe Store kienet raprezentata mis-Sur Silvio Cilia u assistit mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

3. Statement of Case:

Ghall-appellant - Is-Sur Albert Tabone issottometta li s-Sur Michael Tabone gie mpjegat bhala Salesman mid-ditta Rex Shoe Store li hi tas-Sinjuri Maurice u Silvio Cilia fil-10 ta' Awissu ta' l-1981 u gie mkecci mill-imsemmi Sur Silvio Cilia fl-20 ta' Frar 1982. Skond ic-certifikat ta' temm ta' l-impieg, is-Sur Michael Tabone spicca mix-xoghol talli kellem hazin u insulta fil-hanut u fit-Triq quddiem in-nies lis-Sur Silvio Cilia, kisser neon-light u hedded li jkisser kull m'hemm fil-hanut. Is-Sur Silvio Cilia kien ilu jghajjar lis-Sur Michael Tabone u sahansitra kien ga qallu li hu mkecci u tah il-"Work Book" f'idejh; dawn il-fatti is-Sur Cilia ma nkludihomx

.../2.

fic-Certifikat ta' temm ta' l-impieg ta' l-appellant. L-antecedenti tat-tkeccija kienu dawn, fil-kliem testwali tas-Sur Michael Tabone: "kont ghadni kif tlajt fuq mill-istore u f'daqqa wahda ghal xejn b'xejn is-Sur Silvio beda jghajjarni li kont gakbin u li kont qieghed nosservalu x'jaghmel huwa, fejn ipoggi l-flus, li ncempel lil huh u nghidlu x'inhu jaghmel huwa, fejn jipparkja u hafna kliem iehor, li lest nghidu quddiem il-Bord. Jien ma stajtx nifhem ghax kien qieghed jghid dan il-kliem u tant hadni ghal ghar-rieda li sa hawn lanqas irnexxieli niftah halqi. Imbaghad taghni l-ktieb u qalli biex nitlaq il-barra. Hawnhekk ippruvajt biex nirraguna mieghu biex forsi nara ghaliex kien qieghed jakkusani b'dak il-mod, izda hu rega qalli "Itlaq il-barra" u gie anki jimbuttani. Ghal dan l-agir tieghu, jien hawn telghuli ftit, pero' fost tghajjir minn-naha tieghi u tghajjir ta' l-istess xorta minn-naha tieghu, jien irnexxieli nerga nikkalma u ghidtlu li kont bi hsiebni nistenna lil huh u jekk irid isaqsih hu stess jekk qattx jien cempiltlu u ghidtlu dak kollu li akkuzani bih".

Waqt li s-Sur Michael Tabone kien qieghed jistenna lis-Sur Maurice Cilia (ghall-incident kien hemm prezenti s-Salesman l-iehor is-Sur Vincent Parnis) gie moghti l-"Work Book" mis-Sur Silvio Cilia u qallu li hu mkecci. Kien hawn li l-appellant beda "jara l-ahmar" u agixxa hazin mas-Sur Silvio Cilia. Impjegat li ma kellu ebda charge matul impieg ta' sitt xhur gie mkecci wara incident wiehed li kien ikkawzat mill-management. Fil-fatt l-agir hazin tieghu - u dan l-agir is-Sur Michael Tabone ma jichdux - sar wara li gie moghti l-"Work Book" b'sinjal li gie mkecci.

F'dawn ic-cirkostanzi l-appellant ihoss li t-tkeccija tieghu kienet ingusta. Peress li jhoss li f'ambjent ta' hanut ma jkunx jerga' jibda jahdem wara t-tghajjir li sar ghalhekk umilment jitlob it-Tribunal li jsib li t-tkeccija tieghu kienet ingusta u li ghandu jithallas bhala kumpens is-somma ta' LM2346.55 li huma ekwivalenti ghal 71 gimgha ta' disokkupazzjoni, jew xi kumpens iehor xieraq li jkun jidhirlu t-Tribunal.

.../3

<u>Ghad-Ditta</u> - Is-Sur Alfred Mallia Milanes issottometta li s-Sur Michael Tabone beda jahdem mad-ditta Rex Shoe Store fl-10 ta' Awissu, 1981 bhala salesman. Ghal l-ewwel kien beda juri ftit interess fix-xoghol. Id-ditta kienet dejjem tittama li kull ma jmur is-Sur Tabone kien se jzid l-entuzjasmu tieghu. Izda sfortunament dan ma kellux isehh. Is-Sur Tabone beda jirraporta tard ghax-xoghol minn zmien ghal l-iehor. Il-management kien bil-hniena kollha jigbidlu l-attenzjoni biex ikun puntwali izda kien kollu ta' xejn ghax wara ftit jiem id-dnub kien jerga' jirrepeti ruhu.

L-azjenda Rex Shoe Store hija ditta zghira hafna u ghal-daqstant kien jinzamm dak il-personal approach bejn il-management u l-impjegat. . Ma kienx isir bhal ma hija l-uzanza f'ditti kbar li johorgu "written warnings" ghax f'azjenda zghira din mhiex prattikabli. Wiehed irid jghid hawnhekk li kieku l-Management kellu johrog written warning ghal kull nuqqas jew incident li sar, Tabone kien ikun ilu li ntefa l-barra mill-impieg. Izda dan ma kienx il-hsieb u x-xewqa tal-Management. Il-Management kien sinceramen jemmen li twissija bil-fomm kellu jkollha rizultat ahjar. L-intenzjoni tal-Management kienet dejjem retta - li s-Sur Tabone jirranga l-attitudni tieghu fuq ix-xoghol. Izda sfortunatament il-kelma t-tajba ghal x'uhud tfisser djufija u sahansitra jiehu vantagg minnha, ghax is-Sur Tabone flok irranga kompla jirkep fuq il-generosita tal-Management. Huwa beda ukoll jiskarta minn fuq ix-xoghol, ifalli bla certifikat tat-tabib u anke jirrispondi lis-superjuri tieghu,

Izda l-atteggament irresponsabbli u sfaccat tas-Sur Tabone fuq ix-xoghol ma waqafx hemm. Huwa beda jindahal f'affarijiet li ma kienux fil-kompitu tax-xoghol tieghu. Kienu affarijiet purament tal-Management bhal amministrazzjoni ta' flus, etc.

Fl-ahhar il-pacenzja, bhal virtujiet kollha fil-bniedem, ghandha l-limiti taghha. Is-Sur Tabone baqa' ossessjonat fl-attegjament tieghu lejn ix-xoghol u l-Management. Is-Sur Tabone baqa' jindahal f'affarijiet li ma kienux kompitu tieghu, bhalikieku

.../4

kien hu s-sid ta' l-azjenda. Il-pacenzja umana ezawriet ruhha, inqalet tilwima fejn is-Sur Tabone beda jitkellem b'mod hazin u vulgari. Ingabru hafna nies u s-Sur Tabone beda jhedded li jkisser kell m'hemm fil-hanut. Naturalment il-Management ma kellux triq ohra hlief li jitfhu l-barra. Ghaldaqstant ordnalu li jitlaq il-barra mill-hanut.

Izda is-Sur Tabone ma waqafx hemm. Huwa baqa' jistenna barra u malli gie s-Sur Maurice Cilia, wiehed mill-propjetarji, is-Sur Tabone rega dahal fil-hanut biex ihebb ghas-Sur Silvio Cilia. Izda l-lavrant is-Sur Vincent Parnis zammu u hargu l-barra. Komplew jingabru aktar nies u f'daqqa wahda is-Sur Tabone qabad tabella u kisser in-neon light fost hafna nsulti vulgari.

Is-Sur Tabone kien imwissi diversi drabi fil-passat imhabba kliem hazin. L-ahhar incident kien "the straw that broke the camel's back". L-impieg tieghu kien sar 'untenable'. Kienet intilfet il-fiducja, tant bzonjuza bejn il-Management u l-impjegat.

Ghaldaqstant, id-ditta Rex Shoe Store titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jiddikjara li t-temm ta' l-impieg tas-Sur Michael Tabone kien ghar-raguni gusta skond il-ligi.

4. Lista ta' Dokumenti Sottomessi

i) Awtorizazzjoni sabiex is-Sur Silvio Cilia jista' jidher ghad-Ditta - datata 4.8.83

ii) Ittra mis-Sur Richard A Matrenza, lic-Chairman tat-Tribunal - datata 29.7.83

iii) Lista tas-Sick Leave u Attendenza tas-Sur Michael Tabone

iv) Kopja tal-komputazzjoni tal-paga tal-appellant (Sibt 24.10.81) u "Warning" fl-istess hin

v) Tnejn u ghoxrin (22) kopja tal-"Pay Slips"

vi) Certifikat ta' Temm ta' l-impieg tas-Sur Michael Tabone - datat 25.2.82

.../5

5. <u>Instemghu dawn ix-Xhieda</u>

| | | | |
|---|---|---|---|
| i) | Is-Sur Michael Tabone | - | L-appellant |
| ii) | Is-Sur Maurice Cilia | - | Partner fid-Ditta Rex Shoe Store |
| iii) | Is-Sur Vincent Parnis | - | Salesman, Rex Shoe Store |
| iv) | Is-Sur Silvio Cilia | - | Partner fid-Ditta Rex Shoe Store. |

6. <u>XHIEDA FIL-QOSOR</u>

i) <u>Is-Sur Michael Tabone</u> - L-appellant li kien impjegat bhala Salesman minn jeddhu xehed li wara xi xahar li beda jahdem mad-Ditta Rex Shoe Store kien ghamel xi gimgha imur tard ghax-xoghol. Matul l-impieg tieghu l-appellant kien marid, darba ghal gurnata minghajr certifikat mediku u darb'ohra ghal jumejn, u ghalkemm ipproduca c-certifikat tat-Tabib ma kienx thallas taghhom. Ghal dak li hu xoghol, l-appellant kien jaghmel kull ma jqabbduh u ghalhekk kien pjuttost lavrant milli nkella Salesman.

Is-Sur Michael Tabone qal li hu ma kienx jindahal f'dawk l-aspetti li jirrigwardjaw l-amministrazzjoni jew il-Management tad-Ditta. L-appellant cahad li hu qatt gie mwissi biex ma jitkellimx hazin, ghaliex hu qatt ma tkellem hazin fil-hanut sa qabel l-incident li wasslu ghat-tkeccija.

L-appellant kompla jghid li nhar is-Sibt, 20 ta' Frar, 1983 fil-ghaxija, meta telgha mill-istore ghal hanut, is-Sur Silvio Cilia qallu: "Michael dejjaqtni .. .. ghaliex qed tiggakbinani ma hijja, qed iccempel lil hijja u tghidlu x'naghmel, fejn nipparkja. Qabel kont tigi tard u issa qed tigi kmieni. Qed tosserva fejn impoggi l-flus" u tah in-National Insurance Card u baghtu l-barra, keccieh. Waqt li s-Sur Silvio Cilia mar jimbutta lill-appellant, is-Sur Tabone qallu: "jigifieri inti qed tghid li qatt cempilt lil huk? Jien lanqas biss naf fejn joqghod huk jew x'telephone ghandu". Waqt li -Sur Silvio Cilia baqa' jinsisti biex l-appellant jitlaqlu l-

barra, l-appellant ried jistenna lis-Sur Maurice Cilia biex jiv-verifika jekk hu qattx ittelefonalu. Fil-hin li beda l-incident, is-Sur Parnis (is-Salesman l-iehor) kien isfel fl-istore, pero' meta sama l-istorbju tala' fil-hanut.

Meta wasal is-Sur Maurice Cilia, l-appellant li kien jis-tenna barra, dahal warajh u meta staqsieh: "Jien qatt xi darba cempiltlek?", is-Sur Silvio Cilia qallu biex jitlaqlu l-barra waqt li mar jimbuttah. L-appellant fix-xhieda tieghu kompla jghid: "meta gie jimbuttani, jigifieri gie jimbuttani darbtejn, rajt li ma kel-liex chance li nirraguna bil-kliem maghhom, cioe' mieghu mhux maghhom u gie jimbuttani. Jiena jigifieri, jien naf - telghuli xi daqsxejn jew xi haga hekk u forsi offendejtu xi haga hekk". Fl-ahhar tax-xhieda tieghu is-Sur Michael Tabone qal meta kien fid-daghdija, kien kellem hazin lis-Sur Silvio Cilia.

Ghal mistoqsija tas-Sur Albert Tabone jekk ghamilx xi hsara, l-appellant qal li kien kisser "neon light" pero' cahad li kien qal li kien se jkisser kull ma kien hemm.

Wara ngabru n-nies li fosthom inzerta kien hemm xi hbieb tas-Sur Michael Tabone li bdew jghdulu: "Ejja 'l-hawn,ejja l-hawn hallieh taghtix kaz", u wiehed mill-ahwa Cilia ta l-paga lill-appellant u telaq.

Fil-kontro ezami - Is-Sur Michael Tabone qal li meta beda jahdem mad-ditta Rex Shoe Store, hu dejjem kien puntwali fil-hinijiet tax-xoghol minbarra ghal xi gimgha u wara ghal xahar u nofs. Il-Management kien jigbidlu l-attenzjoni tieghu ghaliex kien jidhol tard u naqqaslhu l-paga wkoll. Imbaghad wara beda jidhol ghax-xoghol puntwali. Hu qatt ma skarta minn fuq ix-xoghol jew ma marx ghax-xoghol minghajr ma ta raguni.

ii) <u>Is-Sur Maurice Cilia</u> - Partner fid-ditta Rex Shoe Store xehed li meta wasal il-hanut ghal habta tal-5.15 p.m., l-appellant kien fil-bieb u dahal gewwa wara x-xhud.

.../7

Is-Sur Maurice Cilia sab in-National Insurance Card flimkien mal-paga ta' l-appellant fuq il-bank u s-Sur Silvio Cilia qal lix-xhud: "Ara dan ma jkomplix maghna aktar".

Ix-xhud kompla jghid li hu ma kienx jaf li kien hemm tilwima bejn huh u l-appellant.

L-appellant u s-Sur Silvio Cilia ghaddew xi kliem lejn xulxin u gew fl-idejn f'nofs il-hanut. Kemm ix-xhud u kemm is-Sur Parnis bdew iferrquhom. Waqt il-"glieda" l-appellant kisser apposta "neon tube" mixghul li kien ta' xi 7 piedi gholi. Meta nstemgha l-ghajjat u l-hoss tal-ksur tan-"neon tube" ingabru n-nies.

Fil-kontro ezami - Is-Sur Maurice Cilia qal li l-appellant dejjem kien jigi tard, tant li f'Novembru, kitbu lis-Sur Michael Tabone fejn gibdilhu l-attenzjoni tieghu ghal "Working Hours" u jekk jibqa' jmur tard jitterminalu l-impieg tieghu. Ix-xhud kompla jghid li l-appellant kien jigi tard ghaliex hu kellu "Part-time Job" iehor f'Paceville. Rigward id-diportament ta' l-appellant fuq ix-xoghol, ix-xhud qal li meta kienu jqabbduh igib xi zarbun mill-istore t'isfel kien "jigbed" xi wahda l'hemm u l'hawn u anki kien jikteb kliem vulgari fl-istore t'isfel u x-xhud kien tah bicca "Sand Paper" biex inassru, izda ma hassrux u ghadu hemm. Qabel ma telaq l-appellant insolenta lis-Sur Silvio Cilia. Is-Sur Maurice Cilia temm ix-xhieda tieghu billi qal illi [redacted] l-appellant kisser in-Neon Light wara li kienu hallsuh.

iii) <u>Is-Sur Vincent Parnis</u> - li jahdem bhala Salesman kien evaziv hafna fir-risposti tieghu ghal hafna mid-domandi tas-Sur Mallia Milanes; pero qal kwazi fl-ahhar ta' l-incident l-appellant kien kellem hazin lis-Sur Silvio Cilia. Meta wasal is-Sur Maurice Cilia, l-appellant li kien qed jistenna barra dahal warajh.

L-appellant waqt li kien hiereg "Gholla jdejh, laqghat ghandna s-sign tas-Superga, laqghat lilha u dik sintendi marret fuq il-fanal u nkiser, naturalment b'dik id-daqqa li ta." Ix-xhud tefa' l-barra lil appellant ghar-raguni biex jaqta l-argument qasir u anke minhabba in-nies.

.../8

Fil-kontro ezami - is-Sur Parnis qal li meta kien fl-istore t'isfel induna li kien hemm argument sejjer fil-hanut u tela biex jara x'gara u sab klienta u biex ma jhallihiex tistenna beda jserviha. Sadattant minhabba l-ghajjat ingabru n-nies barra.

Is-Sur Parnis kien evaziv ukoll fir-risposti tieghu ghad-domandi tas-Sur Albert Tabone.

Ix-xhud qal li ma ridtx jindahal fin-nofs ghaliex hu bniedem li jecita ruhhu fejn ikun hemm glied u/jew argumenti jipprova jevithom.

Is-Sur Parnis qal li waqt l-argument hu qal lis-Sur Michael Tabone biex johrog barra u meta harqu fejn il-bieb l-appellant qallu: "se nistenna lis-Sur Maurice".

Meta s-Sur Michael Tabone qal kelma vulgari is-Sur Cilia qallu: "Issa nghidlek x'jien".

Ghal mistoqsijja tas-Sur Albert Tabone biex jghid il-kliem li hemm miktub fil-garzella ta' l-istore t'isfel f'hiex jikkonsisti ix-xhud irrisponda li jahseb li huwa "xi kantant".

Is-Sur Parnis ikkonkluda x-xhieda tieghu billi qal li hu ha minghand is-Sur Maurice Cilia in-National Insurance Card u envelope u tahom lis-Sur Michael Tabone u warrbu minn hdejn il-hanut.

iv) Is-Sur Silvio Cilia - Partner fid-Ditta Rex Shoe Store qal li matul l-ewwel tlett xhur ta' l-impieg tas-Sur M Tabone, l-appellant kien jahdem tajjeb, izda matul it-tieni tlett xhur beda jmur ghax-xoghol xi drabi tard, u drabi ohra ma jmur xejn u minghajr ma jibghad certifikat. Is-Sur Cilia kien jammonieh ghal dan in-nuqqas u darba kienu tawh "Written Warning" permezz ta' nota mal-"Pay Slip" fis-sens li jekk jerga' jirraporta tard ghax-xoghol, jibdew inaqqsulu l-paga. L-appellant kien jara kif jevita li jaghmel xogholu sewwa u meta x-xhud kien iqabbdu jaghmel xi haga l-appellant ta' spiss kien jinfexx jidghi u jkellmu hazin u jaddotta attitudni

supperva. Ix-xhud wissieh kemm il-darba rigward il-lingwagg tieghu, tant li kien jghidlu "Titkellimx hazin hawnhekk" u "Jekk inti trid titkellem hazin aqbad il-bieb u itlaq 'l-barra".

Is-Sur M Tabone kien ukoll ipingi u jhazzez fuq il-kaxxi taz-zraben u fuq il-garzelli li jistorjaw iz-zraben fihom: fi ftit kliem l-attitudni ta' l-appellant saret insopportabbli, min kejja t-twissijiet li kien jaghtih bil-kelma t-tajba bit-tama li dan jirranga.

Rigward l-argument li zviluppa fi glieda li kienet il-kawza tat-tkeccija tas-Sur M Tabone, ix-xhud qal li l-appellant ma kienx izomm ruhhu ta' mpjegat li kien u kien jindahal f'aspetti li huma purament tal-"Partners". Sabiex isostni l-kaz tieghu, is-Sur Silvio Cilia xehed li darba wahda is-Sur Michael Tabone kien qallu: "Ejja nidhlu shab ma dik il-marka" u s-Sur Cilia rrispondih: "Tihdol shab int lavrant mieghi, x'jifieri tidhol shab?" u meta s-Sur Cilia kien ikun jghodd il-flus l-appellant kien joqghodlu ghassa u bhala proprjetarju s-Sur Cilia kien joggezzjona bil-qawwa kollha ghal din l-imgieba.

Dak in-nhar ta' l-incident wara nofs in-nhar, l-appellant kellu x'jaghmel fl-istore t'isfel u filwaqt li l-lavrant l-iehor is-Sur Vincent Farnis baqa' isfel, l-appellant minghajr ebda raguni ta' xejn qabad u tela fil-hanut sabiex joqghod ghassa mieghu waqt li kien qed jigbor il-flus tal-bejh ta' fil-ghodu. Meta s-Sur Silvio Cilia wera d-disapprovazzjoni tieghu ghal presenza ta' l-appellant fil-hanut, meta dan kellu x'jaghmel fl-istore t'isfel, qam argument u s-Sur Michael Tabone telaq l-barra hdejn il-bieb tal-hanut u qal lis-Sur Silvio Cilia: "Issa jigi s-Sur Maurice".

Is-Sur Silvio Cilia cahad li dak il-hin tah in-National Insurance Card lill-appellant. Meta wasal is-Sur Maurice Cilia, dar fuq l-appellant u staqsieh x'kien qed jaghmel hdejn il-bieb u s-Sur Michael Tabone dahal jghajjat u jkellem hazin lis-Sur Silvio Cilia u kien appuntu dak il-hin fil-presenza tas-Sur Maurice Cilia meta s-Sur Silvio Cilia tah in-National Insurance Card u keccieh il-barra,

imbaghad l-appellant qabad it-tabella li kienet fil-gholi u kisser in-neon light u mar biex jahbat ghax-xhud u kien ser jerfa jdejh meta zammu s-Sur Vincent Parnis li hadu l-barra u qaghad jistenna sakemm s-Sur Maurice Cilia lestiehlu l-paga u taghhielu.

Is-Sur Silvio Cilia kompla jghid li hu ma nbuttax lill appellant, izda s-Sur Parnis imbuttah ghaliex kien se jahbat ghax-xhud u ried ikisser kull ma hemm.

Fil-komtr. ezami, s-Sur Silvio Cilia qal li matul il-"probation period" l-appellant kien wasal tard ghax-xoghol f'diversi okkazzjonijiet izda hu ma keccieh x u baqa jiehu pacenza bih bl-iskop li l-quddiem dan jirranga ruhu.

Ix-xhud kompla jghid li l-appellant kien jikteb fl-istore certu kliem u espressjonijiet li jintuza fid-"Discos" li s-Sur Cilia joggezzjona ghalihom fl-istatement tieghu. Is-Sur Silvio Cilia cahad li hu kien kellem hazin jew imbotta lis-Sur Michael Tabone pero kkonferma li kien ghajjat mieghu. L-argument li nqalgha u wassal lill-appellant jitlaq il-barra kien meta x-xhud qallu "Toqghodlix ghassa ma l-affarijiet tieghi personalment, ghaliex hawnhekk hwejgi, jiena l-principal u ghandek x'taghmel isfel bizzejjed."

Is-Sur Silvio Cilia, waqt li kien qed jistenna li jasal huh (is-Sur Maurice Cilia) kien ipprepara ghal lest in-National Insurance Card ta' l-appellant izda mhux il-flus tas-salarju, ghaliex stenna li mal-wasla ta' huh, l-appellant jaqbad ikellmu hazin u allura jkeccieh.

Is-Sur Silvio Cilia kkonkluda x-xhieda tieghu billi qal li wara l-appellant kellmu hazin, telaq jigri u habbat in-Neon Sign mas-saqaf. Sa dak il-hin is-Sur Silvio Cilia ma kienx ghadu qallu li keccieh u l-flus tas-salarju kienu ghadhom mhux lesti.

SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Ghall-appellant is-Sur Albert Tabone issottometta li s-Sur Michael Tabone kien gie mkecci nhar il-20 ta' Frar, 1982 ghar-ragunijiet migjuba fic-certifikat ta' temm ta' mpieg. Ir-ragunijiet

.../11

li gieb il-Management fl-istatement of case kif ukoll fix-xhieda specjalment dik tas-Sur Silvio Cilia, imbniet storja shiha ta' nuqqasijiet tas-Sur Michael Tabone. L-antecedenti msemmija, la individwalment u lanqas globalment, ma kienu kawza tat-tkeccija. Saru mportanti biss wara li tkecca l-appellant. Rigward l-assenza minn fuq ix-xoghol ta' 11 il-jum ghar-ragunijiet ta' mard, mill-31 ta' Awissu, sad-9 ta' Jannar, 1982, l-appellant kien thallas ghal jumejn biss ghalkemm ma kienux koperti minn certifikat mediku. Ghad-disa tijiem l-ohra, l-appellant ma kienx thallas ghalihom allavolja bicca minnhom kienu koperti minn certifikat.

Rigward li l-appellant kien irraporta tard ghax-xoghol ghal qiesu kwarta f'kull okkazzjoni, ghal 27 darba, mir-records maghmula mis-Sur Maurice Cilia ma jirrizultax li s-Sur Michael Tabone kien irraporta tard ghal 5 tijiem minnhom. Ghalkemm is-Sur Michael Tabone ghandu xi "Wage-sheets" neqsin u allura ma jistax jiccekkja bir-reqqa kollha l-attendenza tieghu ta' matul l-impieg, b'dan kollu jiftakar li f'wahda mill-"Wage sheets" neqsin kien gie mghoti twissija bil-miktub li jekk jibqa jidhol tard seta' jitkecca.

Is-Sur Michael Tabone cahad li kien kiteb kliem 'pastas' u li kien jghid kliem mhux xieraq. Li kien kiteb l-appellant kien ismijiet ta' "Beat Groups" u kliem iehor bla ebda sugu imma li zgur ma jisthoqqlux l-appellativ ta' "Pastas". Mix-xhieda tas-Sur Silvio Cilia stess irrizulta, kompla jghid is-Sur Albert Tabone fis-sottomissjonijiet tieghu, li qabel ma gie mpjegat l-appellant kien hemm kliem imhazzez mar-"Racks", il-hajt, etc. Dwar il-kliem hazin ta' qabel jum it-tkeccija, wiehed jifhem li ma kienx hemm kliem hazin jew oxxen. Li seta' gara f'xi okkazzjonijiet rari, kien li s-Sur Michael Tabone wara li jkun ilu niezel u tiela t-tarag tal-kantina li kienet 'store' jghid xi 'uff' jew xi kliem li jfisser li ghejja tiela u niezel.

Is-Sur Vincent Parnis, l-uniku xhud indipendenti, qal li l-appellant "gholla idejh pero ghal x'hiex ma jafx jekk hux ghas-Sur Cilia jew inkella bhala rabja gholla idu" u li laqghat in-"neon tube" waqt li kien hiereg fil-bieb. Dwar il-kliem "vulgari" is-Sur Parnis qal "miktub hemm, pero ma nistax nghid jekk hux vulgari jew le".

.../12

Is-Sur Maurice Cilia, xehed li meta dahal il-hanut bl-appellant warajh qal: "jien sibt il-ktieb tieghu bil-flus tal-paga fuq il-bank u hija (is-Sur Silvio) qalli 'Ara dan ma jkomplix maghna aktar"' u kompla xehed li l-flus (tal-paga) kien ippreparhom huh u sa dak il-hin ma kienx jaf ghaliex is-Sur Michael Tabone tkecca. Meta s-Sur Michael Tabone dahal wara x-xhud, l-appellant u s-Sur Silvio Cilia gew fl-idejn f'nofs il-hanut u kisser it-tube tan-neon meta kien hiereg mill-hanut. L-impressjoni li wiehed ifforma kienet li s-Sur Silvio Cilia ried jitfa l-barra lis-Sur Michael Tabone. Kemm is-Sur Maurice Cilia kif ukoll is-Sur Vincent Parnis qablu li n-neon tube tkisser mill-appellant fl-ahharnett meta s-Sur Michael Tabone kien ilu mkecci u wara li kien ipprova jikseb l-ghajnuna tas-Sur Maurice Cilia halli jikkonvinci lil huh biex jibdel l-ideja li kellu.

Hija ghalhekk haga cara li r-raguni moghtija ghat-tkeccija fic-certifikat ta' temm ta' mpieg ma kienitx vera. Il-konkluzzjoni wahdenija hi li t-tkeccija grat ghax membru tal-Management hass li kien xeba mis-Sur Michael Tabone li forsi kien "alert" wisq u seta ta' l-impressjoni li kien qieghed jghasses il-Management. Din zgur m'hiex raguni valida ghat-tkeccija.

Ghalhekk it-Tribunal gie mitlub jikkonferma li t-tkeccija tas-Sur Michael Tabone ma kienitx gusta. Peress li nholoq certu ammont ta' "bad blood" mhux koncettibbli li t-Tribunal jigi mitlub jordna lis-Sur Michael Tabone jerga jigi mghoti l-impieg tieghu lura, u ghaldaqstant it-Tribunal gie mitlub li l-appellant jinghata l-kumpens li gej jew xi kumpens iehor xieraq li joghgbu jiffissa:-

a) 87 gimgha paga sat-13 ta' Awissu, 1983 bir-rata ta' £M30.38 ........................................ £M643.06

(is-Sur M Tabone sab xoghol iehor matul il-gimgha li bdiet fil-15 ta' Awissu, 1983)

b) Bonus tal-Gvern ghall-istess perijodu ........... £M194.00

c) Hlas tax-Share tal-employer tas-Sigurta Nazzjonali bir-rata ta' £M2.53 fil-gimgha .................. £M220.11

.../13

d) Hrug ta' Certifikat ta' temm ta' mpieg nadif.

Ghad-Ditta Rex Shoe Store - Is-Sur Alfred Mallia Milanes issottometta li s-Sur Michael Tabone gie llicenzjat minn mad-ditta Rex Shoe Store fl-20 ta' Frar, 1982 wara sensiela ta' nuqqasijiet li taghhom il-Management dejjem gibidlu l-attenzjoni bil-fomm u fejn kien prattikabbli bil-miktub.

Il-Management kellu diversi okkazzjonijiet fil-perijodu ta' l-impieg tas-Sur Tabone biex jillicenzjah. Izda b'wiccu mill-quddiem, il-Management jghid li ma ghamlux. U ma ghamlux ghar-raguni tajba u retta kif inhu mistenni minn ditta serja - cioe' ried li jaghti cans lis-Sur Tabone. Ried li s-Sur Tabone jibdel il-karattru arroganti li kellu. Izda mbaghad hadd quddiem Alla ma jista jikkastiga lill-Management ghax ma wzax il-giljottina mall-ewwel cans li kellu.

Is-Sur Tabone flok ghazel li jhalli l-affarijiet jikkalmaw u jipprova jirraguna, irrikorra ghal vjolenza u kliem vulgari. Fuq dan il-punt hemm bizzejjed raguni gustifikat ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tas-Sur Michael Tabone.

X'"option" kellu l-Management wara dan l-incident ta' l-ahhar, hlief li jtih in-National Insurance Card u l-pagamenti dovuti? F'din is-sitwazzjoni l-Management la rrikorra ghall vjolenza u wisq anqas ghall kliem baxx kif fil-fatt irrikorra s-Sur Tabone. Ma kienx minnu kif qal is-Sur Tabone li s-Sur Silvio Cilia mbuttah ghax dan gie michud mis-Sur Parnis u s-Sur Silvio Cilia n-nifsu.

Fl-istatement of case ta' l-appellant jghid "li waqt li s-Sur Michael Tabone kien jistenna s-Sur Maurice Cilia (ghall-incident kien hemm presenti s-Salesman l-iehor is-Sur Vincent Parnis) gie mghoti l-work book mis-Sur Cilia u li qallu li hu mkecci. Kien hawn li s-Sur Tabone beda jara l-ahmar u agixxa hazin mas-Sur Silvio Cilia". Dan gie michud kollu mis-Sur Silvio Cilia, is-Sur Maurice Cilia u s-Sur Parnis. Il-verita' hi li kemm l-insurance card flimkien ma xi pagament inghataw lis-Sur Tabone fit-tmien ta' l-incident,

.../14

hin wara li gie fil-hanut is-Sur Maurice Cilia; infatti s-Sur Parnis jghid: "naf li Michael baqa barra. Mort hdejh jiena biex speci dejjem inzomm il-kwiet u waqt li gie s-Sur Maurice bl-affarijiet x'inhuma ma nafx, hadthom minn idejh u ghidtlu: "halli naghtihomlu jiena. Tajthom lil Michael u mbaghad lil Michael warrabtu minn fejn il-hanut".

Dan ġikkolaborah ukoll is-Sur Silvio Cilia fejn fuq mistoqsija tas-Sur Tabone jekk il-ksur tan-neon kienx wara li hu (is-Sur Silvio Cilia) kien tah in-national insurance card, wiegeb "Le, l-ewwel kellimni hazin, telaq jigri qabad is-sign u habbad hekk mas-saqaf u kisser in-neon".

Anke s-Sur Maurice Cilia fuq mistoqsjia jekk il-paga u n-National Insurance Card inghatawx wara li wasal hu u ra dik ix-xena wiegeb: "Iva".

Dan kollu jopprova minghajr l- icken dubbju illi l-ghoti tal-card lis-Sur Tabone ma kienx il-kagun ta' l-incident kif qieghed jallega s-Sur Tabone, izda kien l-ezitu ta' l-incident. Fi ftit kliem il-card inghata lis-Sur Tabone propju minhabba l-imgieba tieghu fl-incident li ghamel.

Is-Sur Tabone nnifsu jibbaza l-ilment tieghu ta' tkeccija ngusta mhux fuq li hu ma gabx ruhu hazin, ghax dan hu jammettih; izda fuq l-allegazzjoni illi l-agir hazin tieghu "sar wara li gie mghoti l-work book b'sinjal li gie mkecci". Mix-xhieda pero rrizulta li n-National Insurance Card u l-paga nghataw lilu mis-Sur Vincent Parnis wara li l-incident kien maghluq. Skond is-Sur Silvio Cilia "Qaghad faccata sakemm lestilu l-paga hijja u tah il-flus kollha". Ghaldaqstant l-argument tas-Sur Tabone illi l-agir hazin tieghu g ra wara li gie konsenjat lilu n-National Insurance Card ma jibqax validu.

Akkuza ohra mis-Sur Tabone li giet kompletament michuda mis-Sur Silvio u mis-Sur Maurice Cilia hija li fl-istatement of case ta' l-appellant huwa jghid: "li ma kellu ebda charge f'sitt xhur u gie mkecci wara ncident wiehed li kien ikkawzat mill-Management". Dan

ma kien minnu xejn ghaliex fix-xhieda tas-Sinjuri Cilia tohrog cara li s-Sur Tabone gie mwissi diversi drabi bil-fomm u anke f'xi kazi bil-kitba ghan-nuqqasijiet tieghu, partikolarment ghal kliem hazin, thazziz moqziez ghat-tipjip fl-istore, attendenza persistenti tard u ghall-inattendenza bla certifikat tat-tabib.

Is-Sur Mallia Milanes wara li rrifera wkoll ghal partijiet varji tax-xhieda sabiex jiggustifika l-kaz tieghu, ikkonkluda billi talab lit-Tribunal biex jichad it-talba ta' l-appellant u jiddikjara li t-tkeccija kienet gustifikata skond il-ligi.

Il-partijiet ghamlu l-kummenti qosra taghhom rigward is-sottomissjonijiet finali.

Is-Sur Albert Tabone gibed l-attenzjoni tat-Tribunal li skond ix-xhieda gguramentata ta' l-appellant is-Sur Silvio Cilia kien tah in-National Insurance Card u l-paga izda hu (is-Sur Michael Tabone) ma accettahomx qabel ma wasal is-Sur Maurice Cilia.

Is-Sur Alfred Mallia Milanes irrisponda li fix-xhieda ggura-mentata tas-Sinjuri Silvio u Maurice Cilia u tas-Sur Parnis, dawn qalu mod iehor.

KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal irid jiddeciedi jekk it-tkeccija tas-Sur Michael Tabone fl-20 ta' Frar, 1982 mid-Ditta Cilia Shoe Store kienitx ingusta, jigifieri jekk it-tkeccija mill-impieg tieghu kienetx ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi sabiex jikkonsidra it-talba ta' l-appellant.

Ghaldaqstant, it-Tribunal l-ewwel se jezamina r-raguni tat-tkeccija li nghatat lis-Sur Michael Tabone mid-Ditta, imbaghad jekk dik ir-raguni gietx ippruvata.

Ir-raguni li nghatat li l-appellant spicca mix-xoghol fic-Certifikat ta' Temm ta' l-Impieg skond l-Artikolu 27 (1) ta' l-Att Nru XI ta' 1952, kienet li kellem hazin u insulta fil-hanut u fit-triq quddiem in-nies, lis-Sur Silvio Cilia, kisser neon light u hedded li jkisser kull m'hemm fil-hanut.

.../16

Fl-istatement of case, il-Management kompla jespandi r-ragunijiet li wasslu ghat-tkeccija billi zied id-department hazin ta' l-appellant fis-sens li kien jindahal f'affarijiet li ma kienx fil-kompitu tax-xoghol tieghu u jirraporta ghax-xoghol tard u atti ohra spjacevoli.

L-appellant sostna li dak li semmgha fic-Certifikat ta' Temm ta' l-Impieg kien sfog u reazzjoni taht provokazzjoni tas-Sur Silvio Cilia u ssuccieda wara u li sahansitra kien ga qallu li hu mkecci u li tah in-National Insurance Card f'idejh.

Mill-erba xhieda li nstemghu, is-Sur Vincent Parnis kien l-uniku xhud li seta jigi kkonsidrat bhala indipendenti, ghaliex it-tlieta l-ohra kellhom interess dirett fid-decizjoni tat-Tribunal. Is-Sur Parnis kien evaziv hafna ghal certu domandi importanti li ghamlulu r-rapresentanti taz-zewg partijiet.

Parti sewwa mill-evidenza tas-Sur Michael Tabone u dik ta' l-ahwa Cilia ma taqbilx per konsegwenza, jirrendi l-kaz ftit difficili minhabba n-nuqqas ta' certa evidenza soda.

Mix-xhieda limitata tas-Sur Vincent Parnis li hu stess stqarr li waqt it-tilwima hu ma riedx jindahal fin-nofs, qal li waqt it-tilwima beda jsikket lis-Sur Michael Tabone u jghidlu: "Oqghod kwiet, mur oqghod barra" u kompla jghid: "imbaghad hrigtu fejn il-bieb u qalli 'se nistenna lis-Sur Maurice'.

Is-Sur Parnis ma rrispondiex b'mod car ghal mistoqsija jekk semghax lill-appellant jhedded li jkisser kull ma hemm fil-hanut. Meta s-Sur Parnis gie mistoqsi biex jghati l-verzjoni tieghu meta l-appellant ipprova jhebb ghas-Sur Cilia, is-Sur Parnis qal li l-appellant kien gholla idejh pero ma jafx jekk ghollihiex ghas-Sur Cilia jew inkella bhala espressjoni ta' rabbja.

Meta t-Tribunal jezamina bir-reqqa x-xhieda indipendenti tas-Sur Parnis u jiehu wkoll in konsiderazzjoni li jisthoqqilha x-xhieda l-ohra jasal ghal konkluzzjoni li fil-fatt l-appellant u s-Sur Silvio Cilia kienu gew fl-idejn.

.../17

Is-Sur Parnis ikkonferma li l-appellant uza kelma baxxa u nsolenti u kien f'dan l-waqt li s-Sur Silvio Cilia qal lill-appellant "Issa nghidlek x'jien".

Il-fatt li s-Sur Michael Tabone kisser in'neon light' ma halla ebda dubbju f'mohh it-Tribunal.

In-National Insurance Card u l-paga ma gewx moghtijja lill-appellant mis-Sur Silvio Cilia izda mis-Sur Maurice Cilia u s-Sur Parnis stess meta xehed: "tajthom lil Michael u mbaghad lil Michael warrabtu minn fejn il-hanut".

It-Tribunal ikkonvinca ruhhu li s-Sur Michael Tabone gie teknikament imkecci wara l-incident u li kien kellem hazin u offenda lil Principal tieghu li kien qed jipprovvdielu l-mezz finanzjarju ghal ghejxien tieghu u bl-atteggjament ta' rabbja eccessiva wasslitu sabiex wara jikkaguna hsara lill-proprjeta ta' l-istess Ditta; li allura ma setghetx taghti lok lis-Sinjuri Cilia li jerghu jikkonsidraw d-decizjoni taghhom ta' tkeccija ta' l-appellant.

Ghalkemm it-Tribunal kellu jiskarta certi ragunijiet li ssottomettew iz-zewg partijiet, t-Tribunal kien sodisfat li s-Sur Michael Tabone iddeporta ruhhu hazin bizzejjed li fin-dawl tal-principji fundamentali tar-relazzjonijiet ta' bejn il-haddiem u min ihaddmu; ma jistax jiddeciedi favur l-appellant.

AWARD

Ghalhekk it-Tribunal, waqt li jichad it-talba ta' l-appellant ghall-kumpens finanzjarju ta' kemm dam bla xoghol, jordna, jekk is-Sur Michael Tabone ikun irid, li l-kliem: "u hedded li jkisser kull m'hemm fil-hanut" jigu kkancellati mic-Certifikat ta' Temm ta' l-Impieg.

B'hekk it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A. DEBONO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 28 ta' Dicembru 1983

ja